REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1145/2008

tat-18 ta' Novembru 2008

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 fir-rigward tal-programmi ta' ristrutturazzjoni nazzjonali għas-settur tal-qoton

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 tat-23 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u li jistabbilixxi programmi ta' ristrutturazzjoni nazzjonali għas-settur tal-qoton [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kapitolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 637/2008 fih dispożizzjonijiet dwar il-programmi ta' ristrutturazzjoni li għandhom jiġu deċiżi fil-livell tal-Istati Membri biex jiġu ffinanzjati miżuri speċifiċi sabiex jgħinu lis-settur tal-qoton. Huwa xieraq li dak il-qafas jimtela billi jiġu mgħoddija regoli implimentattivi.

(2) Għandu jiġi stabbilit liema elementi jridu jkunu nklużi fil-programmi ta' ristrutturazzjoni li għandhom jiġu sottomessi mill-Istati Membri. Barra minn hekk, għandhom jiġu speċifikati regoli fir-rigward tal-bidliet għall-programmi ta' ristrutturazzjoni, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu aġġustati biex jinkludu kwalunkwe kundizzjonijiet ġodda li ma setgħux ikunu previsti meta ġew ippreżentati l-ewwel darba.

(3) Biex ikun żgurat monitoraġġ u evalwazzjoni korretta tal-programmi ta' ristrutturazzjoni, jeħtieġ li tkun mitluba s-sottomissjoni ta' rapporti ta' evalwazzjoni, li għandhom jikkonsistu minn informazzjoni operattiva u finanzjarja dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ristrutturazzjoni.

(4) Għandu jiġi assigurat ukoll li l-partijiet interessati kollha jkollhom aċċess għall-informazzjoni relatata mal-programmi ta' ristrutturazzjoni.

(5) Għandu jkun hemm rekwiżiti minimi għall-ġestjoni tal-attribuzzjoni u l-pagament tal-għajnuna. Barra minn hekk, għandu jkun possibbli l-pagament ta' self wieħed jew aktar għal miżuri li jkunu probabbli li jirrigwardaw nefqa konsiderevoli.

(6) Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet fir-rigward tal-obbligu tal-Istati Membri li jikkontrollaw in-nefqa, b'mod speċifiku fir-rigward taż-żmien meta jsiru u n-natura tal-kontrolli fuq il-post tal-miżuri ta' żmantellar u investiment. Sabiex jiġu mħarsa l-interessi finanzjarji tal-Komunità jeħtieġu wkoll regoli speċifiċi għall-irkupru ta' ħlasijiet mhux dovuti u penali. Għal dan il-għan, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [2] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 tal-21 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa [3] għandhom japplikaw.

(7) Rigward it-tneħħija sħiħa u permanenti tal-faċilitajiet tal-ħalġ, kif ipprovdut fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008, huwa neċessarju li jiġu definiti fid-dettall il-kriterji li jikkostitwixxu t-tneħħija. Filwaqt li huwa xieraq li l-Istati Membri jiddeċiedu l-ammont ta' għajnuna li għandha tingħata għat-tneħħija fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, jeħtieġ li jiġi stabbilit livell minimu sabiex ikun evitat kumpens eċċessiv.

(8) Huwa neċessarju li tiġi definita b'mod preċiż l-għajnuna għat-titjib fl-ipproċessar tal-qoton, li hemm provvediment dwarha fil-punt (b) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008 dwar l-għajnuna għall-investimenti fl-industrija tal-ħalġ u biex tiġi stabbilita n-nefqa eliġibbli. Barra minn hekk, trid tiġi stabbilita kontribuzzjoni massima tal-Komunità sabiex tiżgura parteċipazzjoni finanzjarja kif ukoll impenn tal-benefiċjarji fl-investiment.

(9) Dwar l-għajnuna għall-bdiewa li jipparteċipaw fl-iskemi ta' kwalità tal-qoton, li hemm provvediment dwarhom fil-punt (c) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008, huwa neċessarju li jiġu identifikati l-iskemi ta' kwalità rilevanti tal-Komunità, biex jiġu stabbiliti l-kriterji għall-kriterji nazzjonali dwar il-kwalità, sabiex jiġu deċiżi l-livell tal-għajnuna u l-ispejjeż eliġibbli.

(10) Sabiex tiġi assigurata l-kumplementarjetà bejn il-miżuri ta' promozzjoni msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008 u r-regoli fir-rigward tal-attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi [4] għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar l-għajnuna għall-promozzjoni ta' prodotti ta' kwalità, b'mod partikolari fir-rigward tal-benefiċjarji u l-attivitajiet eliġibbli.

[1] ĠU L 178, 5.7.2008, p. 1.

[2] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

[3] ĠU L 141, 30.4.2004, p. 18.

[4] ĠU L 3, 5.1.2008, p. 1.

(11) Dwar l-għajnuna lill-kuntratturi tal-makkinarju, kif hemm provvediment dwarha fil-punt (e) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008, jeħtieġ li tiġi stabbilita definizzjoni preċiża tal-għajnuna. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu l-ammont ta' għajnuna li għandha tingħata fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, madankollu, irid jiġi stabbilit livell massimu sabiex jiġi evitat kumpens eċċessiv.

(12) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

REGOLI ĠENERALI

Artikolu 1

Ambitu

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regolamenti implimentattivi fir-rigward tal-programmi ta' ristrutturazzjoni nazzjonali taħt ir-Regolament (KE) Nru 637/2008, li jinkludu l-ħames miżuri eliġibbli li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 2

Kontenut tal-programmi ta' ristrutturazzjoni

Il-programmi ta' ristrutturazzjoni li jissottomettu l-Istati Membri skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008, għandhom jikkonsistu mill-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri proposti kif ukoll l-għanijiet kwantifikabbli tagħhom;

(b) ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet li jsiru kif ipprovdut fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008;

(ċ) valutazzjoni li turi l-impatt tekniku, ekonomiku, ambjentali u soċjali mistenni;

(d) deskrizzjoni tal-faċilitajiet tal-ħalġ fl-Istat Membru kkonċernat u l-użu tal-kapaċità tagħhom mill-2005, fil-każ ta' inklużjoni fil-programm ta' ristrutturazzjoni tal-miżuri msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008;

(e) skeda għall-implimentazzjoni ta' kull waħda mill-miżuri;

(f) tabella finanzjarja ġenerali, li ssegwi l-mudell ipprovdut fl-Anness għal dan ir-Regolament, li turi r-riżorsi li għandhom jintużaw u l-allokazzjoni prevista tar-riżorsi bejn il-miżuri skont l-allokazzjoni baġitarja ffissati fl-Artikolu 5 (1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008;

(g) il-kriterji u l-indikaturi kwantitattivi li għandhom jintużaw għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-miżuri tal-programm ta' ristrutturazzjoni kif ukoll il-passi meħuda sabiex jassiguraw li l-programmi jiġu implimentati sewwa u b'mod effettiv;

(h) id-desinjazzjoni tal-awtoritajiet u l-korpi kompetenti responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm.

Artikolu 3

Bidliet fil-programmi ta' ristrutturazzjoni

Bidliet fil-programmi ta' ristrutturazzjoni, kif imsemmija fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008, m'għandhomx jiġu sottomessi aktar minn darba fis-sena.

Il-programmi mmodifikati għandhom jindikaw b'mod ċar u preċiż il-bidliet proposti, ir-raġunijiet għal dawk il-bidliet u l-konsegwenzi finanzjarji tagħhom, u għandhom jinkludu, jekk tapplika, verżjoni riveduta tat-tabella finanzjarja li ssegwi l-mudell ipprovdut fl-Anness għal dan ir-Regolament.

In-nefqa li tirriżulta mill-modifika tal-programmi ta' ristrutturazzjoni għandha tkun eliġibbli mid-data tas-sottomissjoni tal-programm rivedut lill-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom jerfgħu r-responsabbiltà għan-nefqa bejn id-data li fiha l-Kummissjoni tirċievi l-programm ta' ristrutturazzjoni mmodifikat u d-data ta' meta jibda japplika skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008.

Artikolu 4

Rappurtaġġ u evalwazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ristrutturazzjoni mas-sottomissjoni ta' kull programm ta' ristrutturazzjoni ġdid, għajr l-ewwel programm ta' ristrutturazzjoni sottomess fl-2009 kif imsemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008.

2. Ir-rapport sottomess skont l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu u dak sottomess mal-komunikazzjoni li titlob it-terminazzjoni tal-programm kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008 għandhom:

(a) jelenkaw u jiddeskrivu l-miżuri li għalihom ingħatat l-għajnuna mill-Komunità taħt il-programmi ta' ristrutturazzjoni, għal kull sena tal-perjodu ta' programmazzjoni kkonċernat;

(b) jekk ikun applikabbli, jiddeskrivu kwalunkwe bidliet fil-programm ta' ristrutturazzjoni, ir-raġunijiet għalihom u l-implikazzjonijiet għall-ġejjieni;

(ċ) jiddeskrivu r-riżultati miksuba b'kull miżura, fid-dawl tal-objettivi kwantifikabbli stabbiliti fil-programm ta' ristrutturazzjoni;

(d) jinkludu dikjarazzjoni tan-nefqa skont is-sena finanzjarja li diġà tkun saret fil-perjodu ta' programmazzjoni, li f'ebda każ ma għandha taqbeż il-limitu tas-somma finanzjarja totali allokata lill-Istat Membru skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008;

(e) jappoġġjaw tbassir għan-nefqa sal-aħħar tal-perjodu previst ta' implimentazzjoni tal-programm ta' ristrutturazzjoni, sal-limitu tas-somma finanzjarja totali allokata lill-Istat Membru skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008;

(f) jekk ikun applikabbli, jinkludu analiżi tal-involviment ta' fondi Komunitarji oħra u l-konformità tagħhom mal-għajnuniet iffinanzjati mill-programm ta' ristrutturazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jirrekordjaw id-dettalji tal-programmi kollha ta' ristrutturazzjoni, emendati jew le, u l-miżuri kollha mwettqa taħt dawk il-programmi.

Artikolu 5

Aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwar il-programmi ta' ristrutturazzjoni

L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-programm ta' ristrutturazzjoni, il-modifiki tiegħu, ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-programm, u kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali dwar dan il-programm, disponibbli pubblikament fuq websajt.

Artikolu 6

Rekwiżiti għall-applikazzjoni u l-ħlas

1. Għal kull miżura nkluża fil-programm ta' ristrutturazzjoni tagħhom u elenkata fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008, l-Istati Membri għandhom:

(a) jistabbilixxu l-elementi li għandu jkun hemm f'applikazzjoni għall-għajnuna;

(b) jistabbilixxu d-data tal-bidu u d-data tat-tmiem tal-perjodu biex tiġi ppreżentata applikazzjoni;

(ċ) japprovaw applikazzjonijiet validi u sħaħ fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, billi jqisu r-riżorsi finanzjarji disponibbli fil-limiti massimi annwali pprovduti fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008;

(d) iħallsu l-għajnuna eliġibbli, jew il-bqija tal-għajnuna eliġibbli f'każ li jkun ingħata ħlas bil-quddiem, wara t-tlestija tal-miżura u t-twettiq tal-kontrolli kif imsemmija fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

2. Għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 7(1), il-punti (a), (b), (d), u (e) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008, l-Istati Membri jistgħu jħallsu lill-benefiċjarju ħlas wieħed jew aktar bil-quddiem. Il-livell ikkombinat tal-ħlasijiet kollha bil-quddiem m'għandux ikun ogħla minn 75 % tan-nefqa eliġibbli.

Il-ħlas ta' pagament bil-quddiem għandu jkun suġġett għad-depożitu ta' ammont ugwali għal 120 % tal-ammont tal-ħlas bil-quddiem ikkonċernat.

Is-sigurtajiet għandhom jiġu rilaxxati bil-kundizzjoni li l-miżuri jkunu tlestew u l-kontrolli, kif imsemmija fl-Artikolu 7, ikunu twettqu.

3. Il-ħlasijiet kollha msemmija fil-paragrafi 1 u 2 li jirrigwardaw applikazzjoni partikolari għandhom isiru sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tar-raba' sena wara is-sena tad-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni tal-abbozz tal-programmi ta' ristrutturazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008. Il-ħlasijiet fl-ewwel sena tal-ewwel perjodu tal-ipprogrammar għandhom isiru qabel is-16 ta' Ottubru 2009.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli speċifiċi għall-implimentazzjoni ta' dan l-artikolu.

Artikolu 7

Monitoraġġ u kontroll

1. Minkejja l-obbligi ta' kontroll imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 1290/2005, l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw, jikkontrollaw u jivverifikaw l-implimentazzjoni tal-programm ta' ristrutturazzjoni kif isir applikabbli.

Għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 7(1), il-punti (a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008, l-Istati Membri għandhom jispezzjonaw fuq il-post kull fabbrika u sit tal-produzzjoni li tirċievi għajnuna taħt il-programm ta' ristrutturazzjoni qabel ma jsir ħlas finali, biex ikun iċċekkjat li l-kundizzjonijiet kollha għall-ksib tal-għajnuna ġew sodisfatti.

Rigward il-miżura msemmija fl-Artikolu 7(1), il-punt (a) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008, għandha ssir spezzjoni fuq il-post tal-fabbriki u s-siti tal-produzzjoni kollha mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jgħaddi l-perjodu ta' sena msemmi fl-Artikolu 10(1)(b) ta' dan ir-Regolament biex jiġi vverifikat li r-rekwiżiti ta' dak il-paragrafu ġew sodisfatti.

2. Fi żmien xahar minn kull spezzjoni fuq il-post għandu jiġi stabbilit rapport, li jiddeskrivi b'mod sħiħ ix-xogħol imwettaq, is-sejbiet prinċipali u kwalunkwe azzjoni ta' segwitu li tkun meħtieġa. B'mod speċifiku, ir-rapporti tal-ispezzjonijiet għandhom:

(a) jinkludu informazzjoni dwar il-benefiċjarju u s-sit tal-produzzjoni suġġett għall-ispezzjoni kif ukoll il-persuni preżenti;

(b) jiddikjaraw jekk ingħatax avviż taż-żjara lill-benefiċjarju u, jekk iva, il-perjodu tal-avviż minn qabel;

(ċ) jiddikjaraw ir-rekwiżiti u l-istandards suġġetti għall-ispezzjoni;

(d) jiddeskrivu n-natura u l-firxa tal-kontrolli li saru;

(e) jinkludu s-sejbiet;

(f) jinkludu l-elementi li fir-rigward tagħhom instabu nuqqas ta' konformitajiet;

(g) jinkludu evalwazzjoni li tipprovdi valutazzjoni tal-importanza tan-nuqqas ta' konformità fir-rigward ta' kull element fuq il-bażi ta', fost affarijiet oħra, is-severità, il-firxa, il-livell ta' permanenza u l-istorja tagħha.

Il-benefiċjarju għandu jiġi infurmat dwar kwalunkwe nuqqas ta' konformità li jinstab.

Artikolu 8

Irkupru ta' ħlasijiet mhux dovuti

Ħlasijiet mhux dovuti għandhom jiġu rkuprati, bl-imgħax, mill-benefiċjarji kkonċernati. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 73 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

L-implimentazzjoni tal-penali amministrattivi u l-irkupru tal-ħlasijiet mhux dovuti huma mingħajr preġudizzju għall-komunikazzjoni tal-irregolaritajiet lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1848/2006 [1].

Artikolu 9

Penali

1. Jekk benefiċjarju ma jikkonformax ma' kundizzjoni waħda jew aktar sabiex jikseb l-għajnuna taħt il-programm ta' ristrutturazzjoni, huwa għandu jkun meħtieġ li jħallas ammont ugwali għal 10 % tal-ammont li għandu jiġi rkuprat skont l-Artikolu 8.

2. Il-penali li għandhom jiġu imposti skont l-ewwel paragrafu m'għandhomx jiġu imposti jekk l-impriża tkun tista' turi, għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, li n-nuqqas ta' konformità jkun minħabba *force majeure* u jekk hija tkun identifikat b'mod ċar in-nuqqas ta' konformità bil-miktub u fil-ħin lill-awtorità kompetenti.

3. Il-penali msemmija fl-ewwel paragrafu m'għandhomx japplikaw jekk il-ħlas ikun sar bi żball tal-awtoritajiet kompetenti nfushom tal-Istati Membri jew ta' awtorità oħra kkonċernata u l-iżball ma setax jiġi rilevat raġonevolment mill-benefiċjarju u l-benefiċjarju min-naħa tiegħu aġixxa bi ħsieb tajjeb.

4. Jekk in-nuqqas ta' konformità jkun twettaq apposta jew b'riżultat ta' traskuraġni serja, il-benefiċjarju għandu jkun meħtieġ li jħallas ammont ugwali għal 30 % tal-ammont li għandu jiġi rkuprat skont l-Artikolu 8.

KAPITOLU II

MIŻURI ELIĠIBBLI

SEZZJONI 1

Tneħħija tal-faċilitajiet tal-ħalġ

Artikolu 10

Ambitu

1. It-tneħħija sħiħa u permanenti tal-faċilitajiet tal-ħalġ kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008 għandha teħtieġ:

(a) it-twaqqif b'mod definittiv u totali tal-ħalġ tal-qoton fil-fabbrika jew fabbriki kkonċernati;

(b) it-tneħħija tat-tagħmir kollu tal-ħalġ, u t-tneħħija tat-tagħmir tal-ħalġ mis-sit jew is-siti, fi żmien sena mill-approvazzjoni tal-applikazzjoni mill-Istat Membru;

(ċ) l-esklużjoni definittiva tat-tagħmir tal-ħalġ mill-ipproċessar tal-qoton fil-Komunità, permezz ta':

(i) it-tneħħija tat-tagħmir għal pajjiż terz,

(ii) l-applikazzjoni ggarantita tat-tagħmir f'settur ieħor, jew

(iii) il-qerda tat-tagħmir;

(d) it-treġġigħ lura tal-kundizzjonijiet ambjentali tajba tas-sit jew siti tal-fabbrika u l-iffaċilitar tal-użu mill-ġdid tal-forza tax-xogħol; u

(e) l-impenn bil-miktub li ma jintużawx is-sit jew siti tal-produzzjoni għall-ħalġ tal-qoton matul perjodu ta' 10 snin.

Tagħmir tal-ħalġ ifisser it-tagħmir speċifiku kollu li jintuża għat-trasformazzjoni tal-qoton mhux maħluġ f'qoton maħluġ u l-prodotti sekondarji tiegħu, fosthom alimentaturi, magni li jnixxfu, magni li jnaddfu, magni li jneħħu z-zkuk, magni għat-tfesdiq tal-qoton, kondensaturi, magni li jneħħu t-tnietex u preses tal-balal.

[1] ĠU L 355, 15.12.2006, p. 56.

2. L-Istati Membri jistgħu jimponu rekwiżiti addizzjonali rigward it-tneħħija kif imsemmija fl-ewwel paragrafu.

3. Il-faċilitajiet tal-ħalġ imsemmija fl-ewwel paragrafu jridu jkunu f'kundizzjoni ta' ħidma tajba biex applikazzjoni tkun eliġibbli.

4. Il-bini u s-siti tal-fabbriki jistgħu jkomplu jintużaw għal attivitajiet mhux relatati mal-produzzjoni, l-ipproċessar jew il-kummerċ tal-qoton.

Artikolu 11

Kontribuzzjoni komunitarja

1. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, l-ammont ta' għajnuna li għandu jingħata taħt il-miżura msemmija fl-Artikolu 10.

2. L-għajnuna għal kull fabbrika tal-ħalġ għandha tkun limitata għal massimu ta' EUR 100 għal kull tunnellata ta' qoton mhux maħluġ, għall-kwantità ta' qoton ipproċessat f'dik il-fabbrika, li kien eliġibbli għall-għajnuna taħt il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1051/2001 [1], fis-sena kummerċjali 2005/2006.

SEZZJONI 2

Investimenti fl-industrija tal-ħalġ

Artikolu 12

Ambitu

L-appoġġ għall-miżura msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 7 (1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008 għandu jingħata għal investimenti tanġibbli jew mhux tanġibbli li jtejbu l-andament tal-intrapriża u jirrigwardaw:

(a) l-ipproċessar u/jew il-kummerċ tal-qoton; u/jew

(b) l-iżvilupp ta' proċessi u teknoloġiji ġodda marbuta mal-qoton.

Artikolu 13

Nefqa eliġibbli

1. L-investimenti meġħjuna għandhom jirrispettaw l-istandards Komunitarji applikabbli għall-investiment ikkonċernat.

2. In-nefqa eliġibbli għandha tkun:

(a) it-titjib tal-proprjetà immobbli;

(b) ix-xiri jew kiri ta' makkinarju u tagħmir ġdid, fosthom softwer tal-kompjuter sal-valur tas-suq tal-assi, u mhux inklużi spejjeż oħra marbuta mal-kuntratt tal-kiri, bħall-marġini tal-kerrej, l-ispejjeż għar-rifinanzjament tal-imgħax, l-ispejjeż operattivi u l-ħlasijiet tal-assigurazzjoni;

(ċ) spejjeż ġenerali marbuta man-nefqa msemmija fil-punti (a) u (b), bħall-miżati tal-periti u l-inġiniera u t-tariffi tal-konsultazzjonijiet, studji dwar il-vijabbiltà, il-ksib tad-drittijiet tal-brevett u l-liċenzji.

3. L-ispejjeż għall-iżvilupp ta' proċessi u teknoloġiji ġodda kif imsemmija fl-Artikolu 12 għandhom jirrigwardaw operazzjonijiet preparatorji, bħat-tfassil, l-iżvilupp u l-ittestjar ta' proċessi u teknoloġiji u/jew l-investimenti tanġibbli u/jew mhux tanġibbli marbuta magħhom, qabel l-użu tal-proċessi u t-teknoloġiji żviluppati ġodda għal skopijiet kummerċjali.

4. L-investimenti sempliċi ta' bdil m'għandhomx ikunu nfiq eliġibbli.

Artikolu 14

Kontribuzzjoni komunitarja

1. Il-kontribuzzjoni Komunitarja għall-għajnuna msemmija fl-Artikolu 12 għandha tkun limitata għar-rati massimi segwenti ta' għajnuna:

(a) 50 % fir-reġjuni kklassifikati bħala reġjuni ta' konverġenza skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 [2];

(b) 40 % fir-reġjuni li mhumiex reġjuni ta' konverġenza.

2. M'għandhiex tingħata għajnuna lill-kumpaniji f'diffikultà skont it-tifsira tas-Sezzjoni 2.1 tal-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturazzjoni ta' kumpaniji f'diffikultà [3].

3. L-Artikolu 72 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 [4] għandu japplika *mutatis mutandis* għall-għajnuna msemmija fl-Artikolu 12.

SEZZJONI 3

Parteċipazzjoni tal-bdiewa fl-iskemi ta' kwalità tal-qoton

Artikolu 15

Ambitu

L-għajnuna għall-miżura msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008 għandha:

(a) tingħata għal skemi ta' kwalità Komunitarji għall-qoton stabbiliti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 [5], jew ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 [6], jew skemi ta' kwalità rikonoxxuti mill-Istati Membri;

[1] ĠU L 148, 1.6.2001, p. 3. Regolament revokat bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1) mill-31 ta' Diċembru 2005.

[2] ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.
[3] ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.
[4] ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.
[5] ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.
[6] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

(b) tingħata bħala ħlas ta' inċentiv annwali li l-livell tiegħu għandu jiġi stabbilit skont il-livell tal-ispejjeż fissi li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni fl-iskemi megħjuna, għal perjodu massimu ta' erba' snin.

Skemi li l-uniku għan tagħhom huwa li jipprovdu livell ogħla ta' kontroll tal-ħarsien tal-istandards obbligatorji taħt il-liġi Komunitarja jew nazzjonali m'għandhomx ikunu eliġibbli għal għajnuna taħt din is-Sezzjoni.

Artikolu 16

Kriterji tal-eliġibilità

1. Sabiex ikunu eliġibbli għall-għajnuna, l-iskemi ta' kwalità rikonoxxuti mill-Istati Membri, kif imsemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15, għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji:

(a) l-ispeċifiċità tal-prodott finali taħt skemi bħal dawn għandha toħroġ minn obbligi dettaljati dwar metodi ta' tkabbir u pproċessar li jiggarantixxu:

(i) karatteristiċi speċifiċi fosthom il-proċess tal-produzzjoni,

(ii) kwalità tal-prodott finali li tmur b'mod sinifikanti lil hinn mill-istandards kummerċjali tal-komodità fir-rigward tas-saħħa tal-pjanta jew il-ħarsien tal-ambjent;

(b) l-iskemi jinvolvu speċifikazzjonijiet vinkolanti dwar il-prodott u l-osservanza ta' dawk l-ispeċifikazzjonijiet għandha tiġi vverifikata minn korp ta' spezzjoni indipendenti;

(ċ) l-iskemi għandhom ikunu miftuħin għall-produtturi kollha;

(d) l-iskemi għandhom ikunu trasparenti u jassiguraw traċċabilità sħiħa tal-prodotti;

(e) l-iskemi għandhom iwieġbu għall-opportunitajiet preżenti u prevedibbli tas-suq.

2. Tista' tingħata biss għajnuna lill-bdiewa li jkunu qegħdin jipparteċipaw fi skema ta' kwalità jekk il-prodott ta' kwalità jkun ġie rikonoxxut uffiċjalment skont ir-Regolamenti u d-dispożizzjonijiet tal-iskemi Komunitarji jew l-iskemi ta' kwalità rikonoxxuti minn Stat Membru, kif ipprovdut fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15.

Rigward l-iskemi ta' kwalità stabbiliti taħt ir-Regolament (KE) Nru 510/2006, tista' tingħata biss għajnuna lill-ismijiet irreġistrati fir-reġistru tal-Komunità.

3. Fejn l-għajnuna għall-parteċipazzjoni fi skema ta' kwalità taħt ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 tkun inkluża fi programm ta' ristrutturazzjoni, l-ispejjeż fissi li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni f'dik l-iskema ta' kwalità m'għandhomx jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tal-ammont ta' għajnuna fil-qafas ta' miżura agro-ambjentali biex issostni l-biedja agrikola.

4. Għall-iskop tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15, "spejjeż fissi" jfissru l-ispejjeż li jsiru biex wieħed jidħol fi skema ta' kwalità megħjuna u l-kontribuzzjoni annwali għall-parteċipazzjoni f'dik l-iskema, fosthom, fejn ikun meħtieġ, in-nefqa fuq il-kontrolli meħtieġa biex tiġi vverifikata l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-iskema.

Artikolu 17

Kontribuzzjoni komunitarja

L-għajnuna għall-miżura msemmija fl-Artikolu 15 għandha tkun limitata għal massimu ta' EUR 3 000 għal kull impriża fis-sena.

SEZZJONI 4

Informazzjoni u promozzjoni

Artikolu 18

Ambitu

1. L-għajnuna għall-miżura msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008 għandha tirrigwarda l-qoton kopert bl-iskemi ta' kwalità msemmija fl-Artikolu 15 u l-prodotti magħmula prinċipalment b'dan il-qoton.

2. L-attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni megħjuna taħt ir-Regolament (KE) Nru 3/2008 m'għandhomx jikkwalifikaw għall-għajnuna.

Artikolu 19

Attivitajiet eliġibbli

1. L-attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni eliġibbli għall-għajnuna għandhom ikunu attivitajiet imfassla sabiex iħajru lill-konsumaturi jixtru qoton kopert bl-iskemi ta' kwalità inklużi fl-Artikolu 15, jew prodotti magħmula prinċipalment b'dan il-qoton.

Dawn l-attivitajiet għandhom jiġbdu l-attenzjoni għall-karatteristiċi jew il-vantaġġi speċifiċi tal-prodotti kkonċernati, b'mod partikolari l-kwalità, metodi speċifiċi tal-produzzjoni, u r-rispett lejn l-ambjent marbuta mal-iskema ta' kwalità inkwistjoni, u jistgħu jinkludu t-tixrid ta' tagħrif xjentifiku u tekniku dwar dawn il-prodotti. Attivitajiet bħal dawn għandhom jinkludu, b'mod partikolari, l-organizzazzjoni ta', u/jew il-parteċipazzjoni ġewwa fieri u esibizzjonijiet, eżerċizzji simili ta' relazzjonijiet pubbliċi u reklamar permezz tal-kanali differenti ta' komunikazzjoni jew fil-postijiet tal-bejgħ.

2. Se jkunu eliġibbli għall-għajnuna l-attivitajiet ta' informazzjoni, promozzjoni u reklamar fis-suq intern biss.

Dawn l-attivitajiet m'għandhomx jinċitaw lill-konsumaturi biex jixtru prodott minħabba l-oriġini partikolari tiegħu, ħlief għall-prodotti koperti bl-iskema ta' kwalità li ddaħħlet bir-Regolament (KE) Nru 510/2006. L-oriġini ta' prodott tista' madankollu tiġi indikata bil-kundizzjoni li r-referenza għall-oriġini tkun subordinata għall-messaġġ prinċipali.

L-attivitajiet marbuta mal-promozzjoni ta' ditti kummerċjali m'għandhomx ikunu eliġibbli għall-għajnuna.

3. Meta l-attivitajiet imsemmija fl-ewwel paragrafu jirrigwardaw prodott inkluż fl-iskemi ta' kwalità Komunitarji stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew ir-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-lowgo tal-Komunità li hemm provvediment dwarha taħt dawk l-iskemi għandha tidher fuq il-materjal ta' informazzjoni, promozzjoni u/jew reklamar.

4. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-abbozzi kollha tal-materjal ta' informazzjoni, promozzjoni u reklamar imfassal fil-kuntest ta' attività megħjuna jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità. Għal dak il-għan, il-benefiċjarji għandhom jibagħtu tali abbozzi tal-materjal lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

Artikolu 20

Kontribuzzjoni komunitarja

L-għajnuna għall-miżura msemmija fl-Artikolu 18 għandha tkun limitata għal 70 % tal-ispiża tal-attività.

SEZZJONI 5

Għajnuna lill-kuntratturi tal-makkinarju

Artikolu 21

Ambitu

L-għajnuna għall-miżura msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008 għandha tingħata fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, għat-telf imġarrab fosthom it-telf fil-valur ta' makkinarju speċjalizzat tal-ħsad, li ma jistax jintuża għal għanijiet oħra.

Artikolu 22

Kontribuzzjoni komunitarja

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-livell ta' għajnuna li għandha tingħata taħt il-miżura msemmija fl-Artikolu 21. Din l-għajnuna m'għandhiex taqbeż it-telf imġarrab u għandha tkun limitata għal massimu ta' EUR 10 kull tunnellata għall-ammont ta' qoton mhux maħluġ li nħasad taħt kuntratt fis-sena kummerċjali 2005/2006, li twassal ġewwa fabbrika talħalġ suġġetta għat-tnehhija kif ipprovdut fl-Artikolu 10.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-benefiċjarji talgħajnuna jikkonformaw mal-kriterji elenkati fil-punt (d) tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 637/2008.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 23

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ tlett ijiem wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Novembru 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Tabella finanzjarja ġenerali għall-programm ta' ristrutturazzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 637/2008

(f'EUR 1 000)

Stat Membru:						
Data tal-Komunikazzjoni:						
Tabella emendata: Iva/Le		Jekk Iva, Numru:				
		Sena finanzjarja				
Miżuri	Ir-Regolament (KE) Nru 637/2008	Sena 1 (2010)	Sena 2 (2011)	Sena 3 (2012)	Sena 4 (2013)	Total
Tneħħija	Artikolu 7(1)(a)					
Investimenti	Artikolu 7(1)(b)					
Skemi ta' kwalità	Artikolu 7(1)(c)					
Informazzjoni u promozzjoni	Artikolu 7(1)(d)					
Kuntratturi tal-makkinarju	Artikolu 7(1)(e)					
	Total					